# QORTI ĊIVILI
# (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

### Illum l-Erbgħa 27 ta' April 2016

**Kawża Nru: 1**

**Rikors Kostituzzjonal Nru: 6 / 13 JA**

**David Caruana**

**-vs-**

**L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors Kostituzzjonali preżentat fit-28 ta' Jannar 2013 li permezz tiegħu r-rikorrent David Caruana ppremetta:

Illi huwa jinsab għaddej bi proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat *inter alia* talli kkultiva l-pjanta Cannabis bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-27 ta' Ġunju 2010 u fix-xhur ta' qabel.

Illi fit-termini tal-artikolu 22(1)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, insibu s-segwenti;

*"For the purposes of this ordinance. the word 'dealing' includes cultivation."*

Illi f'dan ir-rigward l-esponent għandu tliet lanjanzi ta' indoli kostituzzjonali li huma s-segwenti:

1. Illi għal raġunijiet li ser jelabora fuqhom aktar 'l isfel, il-mod li biha hi redatta din id-dispożizzjoni tal-liġi tinnega lill-istanti d-dritt li jkollu smiegħ xieraq fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi għandu jingħad li l-esponent jirrileva li fost affarijiet oħra, dan id-dritt ifisser li jrid ikollok ċertezza legali *(legal certainty)* fil-qafas ġuridiku tal-pajjiż u li ħadd ma jista' jieħu piena li għaliha ma jkunx hemm provdut espressament fil-liġi, *nulla peona sine lege*.

Illi l-esponent jirrileva li Malta rratifikat **The United Nations Convention against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Pychotropic Substances 1988** fl-1996.

Illi l-artikolu 3(2) tal-Konvenzjoni jgħid is-segwenti:-

*"Subject to its Constitutional Principles and the basic concept of its legal system, each party shall adopt such measures as may be necessary to establish as a criminal offence under its domestic law, the possession, purchase or cultivation of narcotic drugs for personal consumption".*

Illi għad li l-leġislatur rratifika dan it-trattat li allura jifforma parti integrali mill-*corpus juris* nostrali, l-istess leġislatur ma

deherlux li kellu jemenda jew jiċċara b'xi mod l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dan għalhekk għandu jfisser li l-istess legislatur ma ħassx il-bżonn li jagħmel dan u l-frazi *"includes cultivation"* għandha tiġi interpretata fl-isfond tal-Konvenzjoni *de quo* u b'hekk dik il-frażi tirreferixxi solament għall-kultivar mhux għall-użu esklussiv, inkella, ma teżisti l-ebda ċertezza legali, minħabba d-diskrepanza li teżisti bejn il-Konvenzjoni u l-liġi.

Illi *inoltre*, din il-mankanza tal-istat Malti li jiċċara d-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata mal-Konvenzjoni msemmija, ħalliet *lacuna* fil-liġi għal dik li tirrigwarda piena. M'hemm l-ebda dispożizzjoni tal-liġi applikabbli għall-kultivar għall-użu personali, u għalhekk japplika l-prinċipju sureferit ***nulla peona sine lege***.

Illi mill-assjem tal-provi jidher car li l-kultivar tal-pjanta Cannabis in deżamina minħabba l-ammont ċkejken, kienet intiża għall-użu personali.

Illi madanakollu l-piena stabbilita hi dik tar-reat tat-traffikar, li fil-każ in deżamina ġġib piena massima ta' għaxar snin priġjunerija.

2. Illi huwa pależi li punizzjoni sproporzjonata u eċċessiva tekwevalixxi għal trattament inuman u degradanti taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, u artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (ara **"Lorry Gatt vs Malta"**).

3. Illi d-dispożizzjoni tal-liġi hawn fuq imsemmija tmur kontra l-artikolu 49(3) taċ-*Charter of Fundamental Rights of the European Union*, li ġie reż parti mil-liġi domestika *inter alia*, *tramite* l-artikolu 3(1) tal-Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi s-segwenti:

*"The severity of penalties must not be disproportionate to the criminal offence."*

Illi indubjament jirriżulta skjaċċatament li l-piena kontemplata għar-reat allegatament kommess mill-esponent hu sproporzjonat peress li l-pieni huma dawk ta' traffikar ta' droga meta huwa qatt ma ttraffika l-istess droga.

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onor. Qorti jogħġobha:

1) Tiddikjara l-predispost tal-ArtikoIu 22(l)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta bħala *ultra vires* l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 49(3) taċ-Charter of Fundamental Rights of the European Union li jifforma parti integrali mit-trattat ta' Lisbona.

2) Tagħti dawk il-provvedimenti u rimedji li jidhrulha opportuni sabiex jiġu ssalvagwardjati u sanċiti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-esponent.

Rat in-nota r-risposta ppreżentata mill-intimati l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija fil-11 ta' Frar 2013 fejn eċċepew:

Illi fil-kawża odjerna r-rikorrent qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara l-predispost tal-Artikolu 22 (1B) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta bħala leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikoli 3 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 49 (3) taċ-

*Charter of Fundamental Rights of the European Union*; filwaqt li talab li jingħata r-rimedji opportuni.

Illi l-esponenti jirrespinġu l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet li ser jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin.

Illi l-esponenti jirrilevaw li l-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament l-Artikoli 8 (c) u 22 (1B), jispeċifikaw bl-aktar mod ċar u inekwivoku li l-kultivazzjoni tal-kannabis bħala mediċina projbita effettivament tikkostitwixxi reat u allura kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent hemm iċ-ċertezza legali meħtieġa.

Illi allura mhux il-każ li r-rikorrent, jekk jinstab ħati, jista' jieħu piena li għaliha ma jkunx hemm espressarnent provdut fil-liġi.

Illi dan kollu fost affarijiet oħra ġie diġa' konstatat mill-Onororabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet ***"Adrian Marmara et vs Avukat Ġenerali et"***[1].

Illi fid-dawl tas-suespost għalhekk m'għandu jinstab ebda ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi *inoltre* u bla preġudizzju għas-suespost, b'riferenza għal *United Nations Convention against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances (1988),* l-esponenti jirrilevaw li dak li l-Artikolu 3 (2) jipprovdi effettivament huwa li l-pajjiżi firmatarji[2] jadottaw dawk il-miżuri neċessarji sabiex il-pussess, xiri u kultivazzjoni ta' drogi narkotiċi għal

[1] Deċiża fis-6 ta' Novembru 2012, liema sentenza tinsab fi stadju ta' appell
[2] Fosthom Malta li rratifikat din il-Konvenzjoni fl-1996

użu personali jkunu jikkostitwixxu reat, dejjem skont il-qafas bażiku tas-sistema legali tal-pajjiż konċernat.

Illi *inoltre* din il-Konvenzjoni toħloq stat biss *vis-a-vis* l-istati firmatarji tagħha, mhux bejn l-Istat u l-individwu għalhekk ir-rikorrent ma jista' jinvoka ebda strument legali in konnessjoni mal-allegata leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu għajr il-liġi tal-Istat li tiegħu huwa ċittadin.

Illi dan il-principju ġie konfermat anke mill-Qrati nostrali. Fil-każ ***"Il-Pulizija vs Mohammed Abdel Monem Abbas"***[3], il-Qorti kkonsidrat li *"trattat negozjat, iffirmat u ratifikat mill-Eżekuttiv fih innifsu u waħdu m'għandux forza ta' liġi fil-kamp domestiku. Ma tistax Qorti domestika tieħu konjizzjoni direttament ta' trattat internazzjonali; Qorti domestika, pero', tista tieħu konjizzjoni ta' trattat internazzjonali in forza ta' liġi domestika."* (bħal fil-każ tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem).

Illi pero', anke *data ma non concessa* li l-Konvenzjoni msemmija kellha titqies li għandha applikażzjoni diretta fi Stat, l-Artikolu 3 (2) citat mir-rikorrent ma jistax fi kwalunkwe każ jiġi applikat u nterpretat bil-mod kif qed jippretendi r-rikorrent. Anzi, d-diċitura ta' dan l-Artikolu hija tali li ma tista' bl-ebda mod li Malta tqis il-kultivazzjoni ta' xi sustanza projbita bħala li fiha nfisha tikostitwixxi reat, irrispettivament minn jekk tali kultivazzjoni tkunx għall-użu personali jew le.

Illi kjarament fil-fehma umli tal-esponenti l-leġislatur Malti qies il-kultivazzjoni bħala attivita' tant perikoluża li għażel li jilleġisla dwarha b'dan il-mod. Għalhekk ma hemm ebda lakuna fil-liġi tagħna *stante* li l-kultivazzjoni tal-cannabis f'Malta tista' tkun u fil-fatt hija punibbli rrispettivament minn jekk din setgħetx kienet għall-użu personali jew le.

---

[3] Appell Nru 116/2001 deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 t'Awissu 2001

Illi fir-rigward tal-allegazzjoni l-oħra tar-rikorrent li punizzjoni sproporzjonata u eċċessiva tekwivalixxi għal trattament inuman u degradanti, l-esponenti jirribattu li fil-każ odjern, l-Artikolu 22 (1B) tal-Kap 101 ma jilledix l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u lanqas l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi b'riferenza għas-sentenza li kkwota r-rikorrent innifsu in sostenn tal-allegazzjoni tiegħu, u ċjoe' ***"Lorry Gatt v Malta"***[4] l-esponenti jikkwotaw dak li qalet il-Qorti Ewropea qabel ma għaddiet biex tiddikjara li f'dak il-każ ma kien hemm ebda leżjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni – *"However, to find a State in violation of Article 3 is particularly serious and a minimum level of severity is required for a complaint to fall within the scope of Article 3."*

Illi f'katina ta' ġurisprudenza l-istess Qorti Ewropea dejjem irriteniet li –

*"The assessment of this minimum (level of severity) depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see "Kafkaris vs Cyprus" [GC], no. 21906104, § 95, ECHR 2008). The Court has considered treatment to be "inhuman" because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering. It has deemed treatment to be "degrading" because it was such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them (see, among other authorities, Kudla vs Poland [GC], no. 30210196, § 92, ECHR 2000-XI). In considering whether a punishment or treatment was "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will*

[4] Applikazzjoni Nru 28221/08 deċiża fis-27 ta' Lulju 2010

*have regard to whether its object was to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3."* [5]

Illi għalhekk fil-fehma umli tal-esponenti l-Artikolu tal-Kap 101 in skrutinju b'ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jikkwalifika bħala li jesponi lir-rikorrent għal trattament inuman u degradanti fil-livelli stabbiliti mill-Konvenzjoni Ewropea u mill-Kostituzzjoni nostrali.

Illi finalment u fid-dawl tal-argumenti tagħhom fis-suespost, l-esponenti jisħqu li l-Artikolu 22 (1B) meħud fil-kuntest kollu tal-Kap 101 partikolarrnent l-Artikolu 8 (c) tal-istess Att lanqas ma jikser l-Artikolu 49 (3) taċ-*Charter of Fundamental Rights of the European Union*.

Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost l-esponenti jissottomettu illi t-talbiet tar-rikorrent m'għandhomx jiġu akkolti minn dina l-Onorabbli Qorti u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Illi fis-seduta tat-12 ta' Frar 2016 il-Qorti ddifferiet ir-rikors għas-sentenza. Il-Qorti wara li l-atti proċesswali kollha, tosserva:

## Fatti

Illi r-rikorrent preċentament għaddej bi proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat *inter alia* talli kkultiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fil-proċeduri odjerni huwa qed jallega illi predispost tal-Artikolu 22(1)(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta bħala *ultra vires* tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-

[5] "A and others vs United Kingdom" decided on 19th February 2009 (App Nru 3455/05)

Kostituzzjoni ta' Malta u taċ-*Charter of Fundamental Rights of the European Union.* Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi l-pern tal-kwistjoni ta' indole kostituzzjonali mertu tal-kawża odjerna huwa l-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula illi:

*"Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma 'jittraffika' (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinitx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni ntiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza:*

*Iżda dil-każ ta' importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, ma jgħoddux."*

Illi ta' relevanza wkoll għall-każ odjern huwa l-artikolu 8(c) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid illi:

*"8. Ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza kull min:*

*(ċ) jikkoltiva l-pjanta Cannabis;"*

Illi sintetikament il-lanjanzi ta' natura kostituzzjonali mressqa mir-rikorrenti huma tlieta:

1. Illi l-mod li biha hi redatta din id-dispożizzjoni tal-liġi tinnega lir-rikorrent id-dritt li jkollu smiegħ xieraq fit-

termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Illi punizzjoni sproporzjonata u eċċessiva tekwevalixxi għal trattament inuman u degradenti taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3. Illi d-dispożizzjoni tal-liġi hawn fuq imsemmija jmur kontra l-artikolu 49(3) taċ-*Charter of Fundamental Rights of the European Union.*

Illi da parti tagħhom l-intimati wieġbu illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt. Fis-suċċint jirribattu billi jgħidu illi:

1. Il-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament l-artikoli 8(c) u 22(1B), jispeċifikaw bl-aktar mod ċar u inekwivoku l-kultivazzjoni tal-kannabis bħala mediċina projbita effettivament tikkostitwixxi reat u allura kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent hemm ċertezza legali meħtieġa;

2. Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li punizzjoni sproporzjonata u eċċessiva tekwivalixxi għal trattament inuman u degradenti, l-intimati wieġbu illi fil-każ odjern, l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 ma jilledix l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u lanqas l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3. Illi finalment l-intimati saħqu li l-artikolu 22(1B) meħud fil-kuntest kollu tal-Kap 101 partikolarment l-Artikolu 8(c) tal-istess Kap lanqas ma jikser l-artikolu 49(3) taċ-*Charter of Fundamental Rights of the European Union.*

Ir-rikorrent jilmenta illi l-fatt li l-istat Malta jimponi piena analoga għall-kultivar u traffikar tal-pjanta tal-*cannabis* qed jiġu leżi d-drittijiet tiegħu salvagwardjati fl-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikoli 3 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana in relazzjoni mal-artikolu 3(2) ta' *"The United Nations Convention against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances 1988* (Il-Konvenzjoni) li Malta rratifikat fl-1996. Din il-Qorti tosserva li dan il-punt ta' dritt internazzjonali diġa' ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **"Adrian Marmara u Eugenio Camenzuli vs L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija"**, deċiża fis-16 ta' Diċembru 2013, fejn ingħad illi:

*"... 26. Peress illi jidher li hemm ċertu konfużjoni f'moħħ l-appellanti dwar il-pożizzjoni legali Maltija fejn si tratta tar-relazzjoni bejn trattati internazzjonali li tagħhom Malta hi parti u l-liġi domestika din il-Qorti tippuntwalizza li fis-sistema legali Maltija sabiex id-dispożizzjonijiet ta' tratt li fih Malta tkun parti jkunu direttament applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-individwu dawn iridu fl-ewwel lok jiġu trasposti f'leġislazzjoni domestika permezz tal-istrumenti leġislattivi opportuni. Dan jirrizulta ċar mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Att dwar ir-Ratifika ta Trattati* [6] *u in partikolari s-subartikolu (3) tal-istess artikolu li jipprovdi li:*

*"Ebda dispożizzjoni ta' trattat ma għandha ssir, jew ma għandha tiġi nfurzata, bħala parti mil-liġi ta' Malta ħlief b'Att jew taħt Att tal-Parlament*[7]*."*

*27. Dan inissel il-konsegwenza li dak li hu vinkolanti fil-forum domestiku fir-relazzjonijiet bejn l-individwu u l-iStat Malti huma d-dispożizzjonijiet ta' trattati internazzjonali, għalkemm Malta tkun parti fihom u jkunu ġew ratifikati mill-Esekuttiv, ma humiex applikabbli mill-Qrati Maltin ħlief permezz ta' jew*

[6] Kap 304 tal-Liġijiet ta' Malta
[7] Ara wkoll App Inf: "Il-Pulizija vs Abbas Aly Mohammed Monem", deċiża fit-13 t'Awissu 2011.

*taħt xi Att tal-Parlament. Id-dispożizzjonijiet ta' trattat internazzjonali li kjarament ikun qiegħed jiġi implimentat permezz ta' xi liġi domestika jista' jservi ta' għajnuna għall-Qrati Maltin fl-interpretazzjoni tal-liġi domestika relevanti iżda spetta għall-Qorti kompetenti li tiddetermina jekk hemmx il-ħtieġa ta' tali għajnuna għaliex fejn it-tifsira tal-liġi domestika tkun ċara u inekwivoka ma jkun hemm l-ebda tali ħtieġa."*

Illi senjatament dwar id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta l-istess Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ċitata tispjega illi:

*"32. Il-Kap. 101 ma jagħtix definizzjoni ta' "tikkoltiva" iżda l-Qrati ta' kompetenza kriminali kellhom l-okkażjoni jelaboraw fuq it-tifsira ta' din il-kelma. Hekk ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali li meta l-leġislatur bl-iktar mod ċar uża l-kliem "jikkultiva l-pjanta Cannabis" minn dan isegwi li "wieħed jista' jikkultiva l-Cannabis kemm fl-għelieqi kif ukoll fi qsari u kontenituri oħra, u l-enfasi qiegħed fil-kultivazzjoni tagħha"[8]. Inoltre, b'riferenza għall-argument difenzjonali li min ma jkunx ipprepara l-art u żera' ż-żerriegħa ma jkunx ħati li kkultiva l-pjanta Cannabis l-istess Qorti fl-istess sentenza rriteniet li "Dan il-mod ta' interpretazzjoni tal-kelma kultivazzjoni pero' K mhux ħlief limitazzjoni li l-leġislatur evidentement la xtaq jipprovdi u lanqas ipprovda".*

*33. F'okkażjoni[9] oħra l-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri spjegat b'mod ċar hafna li ċ-ċirkostanza ta' "the exclusive use of the offender" fl-Artikolu 22(2)(b)(i)[10] hi riferibbli unikament għall-pussess u mhux ukoll għar-reati l-oħra msemmija fl-istess artikolu. Sentenzi oħra tal-Qrati ta' kompetenza kriminali relevanti għall-materja stabbilew*

[8] App. Krim. **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Loreto Attard"**, 3 ta' Ġunju 1987
[9] App. Krim. Inf. **"The Police vs Lothar Ernst Heinrich Beck"**, 17 ta' Novembru 1997
[10] Il-pozizzjoni taħt l-Artikolu 22(2)(a)(i) hi identika

*b'riferenza għar-reat ta' koltivazzjoni previst fl-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 li "il-Qrati dejjem interpretaw san is-subinċiż b'mod rigoruż u qatt ma qagħdu jagħmlu xi differenzi fejn il-liġi ma tiddistingwix"*[11] *u li "Malli l-appellant żera' mqar żerriegħa waħda ġerminabbli fil-qasrija tal-ġiżimina u beda jsaqqiha u din iż-żerriegħa waħda nibtet (anke jekk fil-wiċċ tal-ħamrija ma kien jidher xejn) kien hemm ir-reat ikkonsmat ta' koltivazzjoni"*[12].

Illi dwar l-argumenti miġjuba mir-rikorrent dwar ir-relazzjoni bejn l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 3(2) tal-Konvenzjoni, l-istess Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza hawn fuq ċitata tispjega illi:

*"35. Dak li jidher li qed isostnu l-appellanti hu li l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tirrikjedi li Stat li huwa parti fil-Konvenzjoni għandu, skont l-Artikolu 3(2) tagħha jistabbilixxi bħala reat kriminali l-koltivazzjoni ta' drogi narkotiċi għall-użu personali. Għalhekk fejn l-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 jipprovdi li l-kelma "jittraffika" tinkludi l-koltivazzjoni dan neċessarjament għandu jiġi nterpretat fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u b'hekk il-koltivazzjoni li għaliha hemm riferenza fl-Artikolu 22(1B) imsemmi tirreferixxi biss għal kultivar mhux għall-użu esklussiv.*

*36. L-argument hu wiehed sofistiku għall-aħħar u jimmaġina inċertezza fejn din ma teżistix. L-appellanti ma ta ebda eżempju ta' fejn il-Qrati kompetenti identifikaw xi inċertezza tali fit-tifsira tal-Artikolu 22(1B) imsemmi. Dan għaliex it-tifsira tal-Artikolu 22(1B) hi ċara għall-aħħar. Fejn fid-definizzjoni ta' traffikar il-liġi tipprovdi li din tinkludi l-koltivazzjoni l-istess liġi ma kkwalifikatx jew illimitat b'ebda mod il-kelma "koltivazzjoni" u għalhekk l-appellanti ma*

[11] Q.Mag. **"P vs Colin Vassallo"** per. Mag. N. Cuschieri, 14 ta' Settembru 2009
[12] App. Krim. Inf. **"P vs Anthony Camilleri"**, 3 ta' Diċembru 2001

*jistgħux jippretendu li b'ħafna tiġbid u strakkjar jimponu kwalifika u limitazzjoni li b'ebda mod ma teżisti fil-liġi la espressament u anqas impliċitament. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, kif ġjá ngħad, ma hemm ebda ħtieġa ta' xi rikors għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex idawwlu l-interpretazzjoni tal-Artikolu 22(1B) għaliex dan hu ċar fit-tifsira u l-portata tiegħu. Fi kwalunkwe każ l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet penali tispetta lill-Qrati ta' kompetenza kriminali u l-iskrutinju ta' din il-Qorti taħt l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea hu limitat filli tiddetermina jekk id-dispożizzjoni legali in kwistjoni bħala tali hijiex tant ekwivoka u nieqsa minn kjarezza li l-individwu ma jistax ikun jaf mill-kliem tad-dispożizzjoni relevanti u, jekk meħtieġ, bl-assistenza tal-interpretazzjoni tagħha mill-Qrati, liema atti u ommissjonijiet jirrenduh kriminalment imputabbli. Din il-Qorti ma tara assolutament ebda tali ekwivoċitá fit-tifsira tal-Artikoli 8(c) u 22(1B) tal-Kap. 101."*

Illi f'din il-kawża r-rikorrenti jiċċita l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, rilevanti għall-każ huwa l-bran segwenti mis-sentenza hawn fuq imsemmija fejn il-Qorti Kostituzzjonali testendi l-istess raġunament adoperat għall-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għal dawn l-artikoli wkoll:

*"40. L-appellanti jserrħu l-lanjanza tagħhom ta' leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni unikament fuq l-istess allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' ċertezza u prevedibilita' tad-Dritt li fuqhom serrħu l-lanjanza tagħhom tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, liema allegazzjonijiet ġjá gew ritenuti minn din il-Qorti li għalhekk naqset milli ssib leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif mitlub minnhom fir-rikors tagħhom promotorju tal-ġudizzju ma humiex sostnuti u għalhekk qed jiġu respinti."*

Illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea mertu ta' din il-lanjanza jistipula illi:

*"1. In the determination of his civil Rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law. Judgment shall be pronounced publicly but the press and public may be excluded from all or part of the trial in the interest of morals, public order or national security in a democratic society, where the interests of juveniles or the protection of the private life of the parties so require, or the extent strictly necessary in the opinion of the court in special circumstances where publicity would prejudice the interests of justice.*

*2. Everyone charged with a criminal offence shall be presumed innocent until proved guilty according to law.*

*3. Everyone charged with a criminal offence has the following minimum Rights:*

*(a) to be informed promptly, in a language which he understands and in detail, of the nature and cause of the accusation against him;*

*(b) to have adequate time and the facilities for the preparation of his defence;*

*(c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require;*

*(d) to examine or have examined witnesses against him and to obtain the attendance and examination of witnesses on*

*his behalf under the same conditions as witnesses against him;*

*(e) to have the free assistance of an interpreter if he cannot understand or speak the language used in court."*

Illi għal darb' oħra fir-rigward tal-argumenti mressqa mir-rikorrenti ta' possibbli nuqqas ta' ċertezza legali fir-rigward tal-piena, l-Qorti Kostituzzjonali tosserva kif ġej fuq dan l-istess punt:

*"37. L-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 jikkriminalizza l-koltivazzjoni tal-pjanta Cannabis, kull koltivazzjoni tal-istess pjanta. L-Artikolu 22 tal-istess Kap. imbagħad jistabbilixxi l-pieni għar-reati kollha kontra l-Ordinanza, fosthom dak ta' koltivazzjoni tal-pjanta Cannabis. Konsistentement mal-fatt li l-Kap. 101 jekwipara l-koltivazzjoni mat-traffikar kif ġjá premess, il-piena għar-reat ta' koltivazzjoni tal-pjanta Cannabis taħt l-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101[13] hi l-istess piena komminata għal min jittrafika mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-istess Kap. In-natura u l-ammont tal-piena applikabbli huma kjarament speċifikati fl-artikolu 22(2)(a) u (b) tal-Kap. imsemmi. Fil-każ ta' sejbien ta' ħtija mill-Qorti Kriminali l-piena skont l-Artikolu 22(2)(a)(i) hi dik ta' priġunerija għall-għomor jew, fiċ-ċirkostanzi previsti fis-sub-paragrafi (aa) u (bb) tad-dispożizzjoni msemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin sena flimkien mal-multa speċifikata. Fil-każ ta' sejbien ta' ħtija mill-Qorti tal-Maġistrati l-piena skont l-Artikolu 22(2)(b)(i) hi dik ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin flimkien mal-multa speċifikata. Ma hemm xejn li hu nċert jew ekwivoku f'dan kollu.*

[13] Kif ukoll il-piena għar-reat ta' koltivazzjoni tal-pepprin tal-oppju jew tal-pjanta tal-koka taħt l-Artikolu 4 tal-istess Kap 101

*38. Argument ieħor totalment sofistiku li jintentaw lappellanti huwa fis-sens li l-allegata mankanza tal-iStat Malti li jiċċara d-dispożizzjonijiet tal-liġi "ħalliet lacuna fil-liġi għal dik li tirrigwarda piena. M'hemm l-ebda dispożizzjoni tal-liġi applikabbli għall-kultivar għall-użu personali, u għalhekk japplika l-prinċipju surriferit nulla poena sine lege." Dan l-argument, iżda, huwa mibni fuq premessa falza. Sempliċement ma hux minnu li ma hemm l-ebda dispożizzjoni tal-liġi applikabbli għall-kultivar għall-uzu personali. Il-"kultivar għall-użu personali" skont il-Kap. 101 jammonta għar-reat ta' koltivazzjoni kontra d-dispożizzjoni tal-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 u għalhekk hu previst għalih il-piena komminata mil-liġi għal dak ir-reat kif fuq spjegat. Għal darb'oħra ma hemm ebda nċertezza jew ekwivoku kif allegat mill-appellanti."*

Illi t-tieni lanjanza mressqa mir-rikorrenti hi li punizzjoni sproporzjonata u eċċessiva tekwevalixxi għal trattament inuman u degradenti taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tiddikjara illi:

*"**Article 3 – Prohibition of torture***
*No one shall be subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment."*

Illi in sostenn ta' dan l-argument ir-rikorrenti jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **"Lorry Gatt vs Malta"** applikazzjoni numru 28221/01 deċiża fis-27 ta' Lulju 2010. L-intimati f'dan ir-rigward jirribattu billi jagħmlu referenza għall-istess sentenza fejn ġie osservat mill-Qorti Ewropea qabel ma għaddiet biex tiddikjara li f'dak il-każ ma kien hemm l-ebda leżjoni tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni:

*"However, to find a State in violation of Article 3 is particularly serious and a minimum level of severity is required for a complaint to fall within the scope of Article 3."*

Illi *inoltre* jirreferu għall-skorta ta' ġurisprudenza tal-istess Qorti Ewropea fejn dejjem ġie ritenut illi:

*"The assessment of this minimum (level of severity) depends on all circumstances of the case, such the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see "Kafkaris vs Cyprus" [GC], no. 21906/04, s95, ECHR 2008). The Court has considered treatment to be "inhuman" because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering. It has deemed treatment to be "degrading" because it was such as to arouse in the victims feelings of fear anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them (see, among other authorities, "Kudla vs Poland" [GC], no. 30210/96, s 92, ECHR 2000-XI). In considering whether a punishment or treatment was "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object was to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequennces are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3".* [14]

Illi l-istess rikorrent jagħmel referenza għall-każ **"Scoppola vs Italy (No 2)"** iżda din il-Qorti tosserva illi l-fatt tal-każ kienu differenti ferm għal każ in deżamina. Iżda ta' rilevanza huwa s-segwenti:

*"... in any system of law, however clearly drafted a legal provision may be, including a criminal law provision, there is an inevitable element of judicial interpretation. There will*

[14] *"A and others vs United Kingdom"* decided 19 February 2009 (App. No. 3455/05).

*always be a need for elucidation of doubtful points and for adaptation to changing circumstances. Again, whilst certainty is highly desireable, it may bring in its train excessive rigidity and the law must be able to keep pace with changing circumstances. Moreover, it is firmly established part of the legal tradtion of the States party to the Convention that case-law, as one of the sources of law, necessarily contributes to the gradual development of the criminal law [see* ***"Kruslin vs France"****, 24$^{th}$ April 1990 para.29];'*

Illi r-rikorrent jiċċita wkoll is-sentenza **"Albu and Others vs Romania"** (applikazzjoni numru 34796/09). Din il-Qorti tagħmel referenza għal dan il-bran:

*"Likewise, it is not it's function save in the event of evident arbitrariness, to compare different decisions of national courts, even if given in apparently similar proceedings as the independence of those courts must be respected [see "Admsons vs Latvia" no 3669/03 para.118, 24 June 2008.]"*

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri daħal fis-seħħ l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) permezz tal-Artikolu 7 tal-istess Att,

*"Persuna li tinsab ħatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta talkannabis fi kwantità żgħira li ma taqbiżx pjanta waħda, f'ċirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet għall-użu personali m'għandhiex tkun soġġetta għal terminu mandatorju ta' priġunerija u m'għandhiex tkun soġġetta għall-esklużjoni tal-applikażzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija previsti fil-liġijiet dwar id-droga."*

Illi mix-xhieda tal-Ispettur Johann Fenech (fol 24) jirriżulta li l-pjanti li nstabu fir-residenza tar-rikorrenti kienu tnejn. Għalhekk l-artikolu 7 ma japplikax għall-każ tar-rikorrenti.

Illi l-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*"(1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika li l-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' u wara li tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga."*

Illi dan l-artikolu jirreferi b'mod ġeneriku għall-persuni mixlija b'reat kontra l-Liġijiet ta' droga u għalhekk f'każ li r-rikorrenti jirnexxilu jissodisfa lill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'dak stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta l-istess rikorrenti jkun jista' jibbenefika mid-dispożizzjonijiet tal-istess artikolu.

Illi l-intimati jagħmlu referenza għas-sentenza fl-ismijiet **"Salvatore Oliveri vs l-Avukat Ġenerali"** (rikors numru 89/2013) mogħtija fit-8 ta' Ġunju 2015:

*"Meta l-Qorti ħadet kont ta' kollox, in partikolari l-aspetti oġġettivi tal-kwistjoni, mhijiex tirriskontra trattament inuman u / jew degradanti fir-raġunijiet li ġab ir-rikorrent biex isostni*

*l-lanjanza tiegħu. Bil-fatt li l-piena għall-koltivazzjoni tal-Cannabis hija l-istess bħall-piena għal traffikar tad-droga mhuwiex prova ta' trattament inuman u / jew degradanti fil-konfront tar-rikorrent. Sabiex trattament jitqies inuman, u allura sabiex il-piena titqies inumana, is-sofferenza mentali jew fiżika li ġġib magħha dik il-piena trid tkun tant severa li tinneċessita l-intervent tal-Qorti. Sabiex trattament ikun degradanti, irid ta' bilfors jumilja gravament lill-persuna quddiem l-oħrajn jew iġġiegħlu jaġixxi kontra l-volontá jew il-kuxjenza tiegħu. Fil-każ tal-lum, l-ekwiparazzjoni tal-piena m'għandhiex dawn il-konsegwenzi. Piena karċerarja dejjem iġġib magħha konsegwenzi pero' dak ma jfissirx li l-piena hija out of proportion. Wara l-kundanna, u waqt li tkun qegħda tiġi skontata l-piena, l-Istat ikun u jibqa' obbligat li jiggarantixxi d-dinjita' tal-persuna karċerata."*

Illi f'dan l-isfond, din il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni tal-intimati (fol 8) li l-artikolu tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta in skrutinju ma jikkwalifikax bħala li jesponi lir-rikorrenti għal trattament inuman u degradanti fil-livelli stabbiliti mill-Konvenzjoni Ewropean u mill-Kostituzzjoni Maltija.

Illi fl-aħħarnett fir-rigward tat-tielet lanjanza mressqa mir-rikorrenti, illi d-dispożizzjoni tal-liġi hawn fuq imsemmija jmur kontra l-artikolu 49(3) taċ-*Charter of Fundamental Rights of the European Union* li jistipula illi:

*"3. The severity of penalties must not be disproportionate to the criminal offence."*

Illi din il-Qorti tosserva illi in vista ta' dak li ġie osservat aktar 'il fuq, l-artikolu 22(1B) meħud fil-kuntest kollu tal-Kap 101 partikolarment l-Artikolu 8(c) tal-istess Att ma jilledix l-artikolu 49(3) taċ-*Charter of Fundamental Rights of the European Union.*

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**